MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-17 ta' April, 2008

Numru. 299/2001

**Il-Pulizija**
**Spettur Simon Galea**
**Spettur Dennis Theuma**

**vs**

**Paul Caruana**

Il-Qorti:

Rat l-imputat Paul Caruana bin Angelo u Maria Dolores xebba Galea, imwieled Zejtun, fl-24 ta` Ottubru, 1960 u residenti 501, Busietta Gardens, Swieqi, Madliena u detentur tal-karta ta` l-identita` numru 753360 (M) li gie imressaq quddiemha akkuzat talli:-

Fil-15 ta` Marzu, 2001, waqt li kien f`Busietta Gardens, Madliena:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta` haddiehor wera dan il-hsieb b`atti esterni u ta` bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt billi saq vettura DBC 693 fuq il-persuna ta` Jamie Cauchi fejn seta' kkagunalu griehi ta` natura gravi, liema incident ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu.

2. Talli saq l-istess vettura b`manjiera traskurata, perikoluza u bla kont.

3. Talli saq l-imsemmija vettura bi speed eccessiv.

4. Talli kkaguna feriti ta` natura hafifa fuq il-persuna ta` Joseph Cauchi kif iccertifika Dr. Pierre Schembri Wismayer mill-Isptar San Luqa.

5. Talli b`diversi atti maghmulin minn Paul Caruana, ukoll jekk fi zminijiet differenti, kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u jkunu gew maghmula b`rizoluzzjoni wahda, volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli cioe` fis-sigra, fil-vettura u fin-nuccali ghad-detriment ta` Joseph Cauchi liema hsara taccedi il-hamsin lira izda ma taccediex il-hames mitt lira Maltin.

6. Talli bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu gieghel bl-awtorita` tieghu nnifsu, lil xi hadd ihallas dejn, jew jezegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew ifixkel lil xi hadd fil-pussess ta` hwejgu, jew ihott bini, jew jikser il-mixi ta` l-ilma jew jiehu l-ilma ghalih, jew b`xi mod iehor, kontra l-ligi, jindahal fi hwejjeg haddiehor.

7. Talli volontarjament kisser il-bon ordni u l-paci pubblika b`ghajjat u glied.

8. Kliem oxxen fil-pubbliku li jikkonsisti f`dagha.

F`kaz ta` htija il-Qorti kienet mitluba illi tissospendi lill-intimat milli jottjeni jew jkollu licenzi tas-sewqan ghal perjodu li l-Qorti jidrilha xieraq skond il-ligi.

Il-Qorti tista` meta jidhrilha xieraq biex tipprovdi ghas-sigurta` tal-persuna ta` haddiehor jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku flimkien ma` l-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-hati b`obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta` somma ta` flus li tigi ffissata mill-istess Qorti.

Il-Qorti kienet mitluba wkoll titratta ma` l-Imputat talli huwa recidiv b`sentenza tal-Qorti tal-Magistrati Malta datata 14 ta` Settembru, 1998 fejn kien wehel Lm 500 multa liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Geenrali datat 15 ta' Mejju 2001 sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tas-6 ta' Dicembru 2001 ta l-kunsens tieghu sabiex dawn il-proceduri jinstemghu bi procedura sommarja u jigu decizi minn din il-Qorti.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2003 il-parti civili Joseph Cauchi irrinunzja ghal dak kollu li huwa rinunzjabbli fil-konfronti tal-imputat u ghazel li ma jixhidx minhabba l-possibilita' li jinkrimina ruhu. Il-Qorti sejra ghalhekk tiddikjara l-procediment ezawrit in kwantu jirrigwarda ir-raba' u s-sitt akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat u ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess akkuzi.

In kwantu jirrigwarda l-akkuzi l-ohra li ngabu fil-konfronti tal-imputat dawn kollha jirrigwadaw glieda li nqalghet bejn l-imputat odjern u l-parti civili Joseph Cauchi u James Cauchi fil-15 ta' Marzu 2001. La James Cauchi u l-anqas Joseph Cauchi ma xehdu f'dawn il-proceduri u l-unika zewg xhieda li gew prodotti mill-Prosekuzzjoni u li setghu jitfghu xi dawl fuq dak li gara dakinhar tal-akkadut kienu Anglu Bonnici u Agostino Bonnici li xehdu fis-seduti tat-23

ta’ Mejju 2002, tas-6 ta’ Gunju 2005, u tal-25 ta’ Jannar 2007 u dawn it-tnejn qalu li l-imputat u Joseph Cauchi kellhom argument u gew fl-idejn izda ma kienux jafu min attakka lil min l-ewwel. Meta xehed fis-seduta tal-25 ta’ Jannar 2007 Agostino Bonnici izda qal li kien Joseph Cauchi li qabez l-ewwel fuq l-imputat. Dawn iz-zewg xhieda okulari it-tnejn qalu li ma rawx lil Paul Caruana jikkaguna xi hsara fuq xi propjeta’ ta’ Joseph Cauchi u qalu li ma semghux kliem hazin jew dagha u spjegaw li huma ma kienux raw lill-imputat isuq fuq James Cauchi.

Mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni ghalhekk bl-ebda mod ma jista’ jinghad li tirrizulta pruvata ebda wahda mill-akkuzi migjuba fil-konfronti tal-mputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti filwaqt li tiddikjara l-procediment ezawrit in kwantu jirrigwarda r-raba’ u s-sitt akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat u ghaldaqstant tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess akkuzi, tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-akkuzi l-ohra migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah minn dawn l-akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------